

Brussell, 30 ta' Ġunju 2023  
(OR. en)

11131/23

ECOFIN 657  
UEM 191  
SOC 483  
EMPL 334  
COMPET 678  
ENV 757  
EDUC 270  
RECH 302  
ENER 393  
JAI 903  
GENDER 134  
ANTIDISCRIM 128  
JEUN 172  
SAN 409

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9823/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	COM(2023) 602 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 tal-Bulgarija

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 602 final.

## RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-**

**Kunsill**

**dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 tal-Bulgarija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishiĥ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdni appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex tippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex tagħmel l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru skont il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

---

<sup>2</sup> Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew 2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2023, li huma ċċentrati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2023, li fih hija ma identifikatx lill-Bulgarija bħala wieħed mill-Istati Membri li jista' jiġi affettwat jew li jista' jkun f'riskju li jiġi affettwat minn żbilanċi. Inkwantu tali, ma jkunx meħtieġ rieżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro<sup>4</sup> fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni wieqfa b'mod sod mal-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli kif ukoll id-ditti fuq terminu qasir, u fuq kif jinżammu l-isforzi biex issir it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, jiġi appoġġat tkabbir sostenibbli u inklużiv, tiġi salvagwardjata l-istabbiltà makroekonomika u tiżdied ir-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

---

<sup>3</sup> Regolament (UE) 2021/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2021, p. 25).

<sup>4</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni intitolata "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa li jagħti spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida għal newtralità klimatika. Dan jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu wkoll l-għan li jipprovdi ambjent aktar ta' appoġġ biex tiżdied il-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet żero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat l-aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż billi jiġi diversifikat l-akkwist, jiġu sfruttati kif xieraq ir-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u jiġi massimizzat ir-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni oħra bit-titlu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma għal qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.

- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> (ir-"Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jelimina malajr id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u investimenti ser jgħinu wkoll biex jagħtu spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

---

<sup>5</sup> Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitolu REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

(7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Din għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stieden lill-Istati Membri jstabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettat u jiżguraw tnaqqis tad-dejn plawżibbli u kontinwu, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti, fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdew bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw tali miżuri aħjar lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni stqarret li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investiment ifffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn konċentrazzjoni akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li tiġi konkluża l-ħidma leġiżlattiva fl-2023.
- (9) Fil-15 ta' Ottubru 2021, il-Bulgarija ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni li jinsabu fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fl-4 ta' Mejju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija<sup>6</sup>. Il-ħruġ tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tistqarr li l-Bulgarija tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treġġgħet lura.
- (10) Fil-5 ta' Mejju 2023, il-Bulgarija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tal-2023 tagħha, f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Bulgarija dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.

---

<sup>6</sup> ST 8091/2022 INIT; ST 8091/2022 ADD 1.

- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2023 għall-Bulgarija. Huwa vvaluta l-progress tal-Bulgarija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022, u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija. Fuq il-bażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Ivvaluta wkoll il-progress tal-Bulgarija fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (12) Skont data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Bulgarija naqas minn 3.9 % tal-PDG fl-2021 għal 2.8 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 23.9 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 22.9 % fi tmiem l-2022. Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dan ir-rapport iddiskuta s-sitwazzjoni baġitarja tal-Bulgarija, peress li d-defiċit tal-gvern estiż tagħha huwa ppjanat li jaqbeż it-3 % tal-PDG fl-2023. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma ġiex sodisfatt. F'konformità mal-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa 2023. Il-Kummissjoni mbagħad iddikjarat li kienet ser tipproponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa 2024, abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023. Jenħtiegħ li l-Bulgarija tqisu dan fid-diskussjoni u l-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għall-2023 u fit-tnejn tal-baġit tagħha għall-2024.

- (13) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali li ttieħdu biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, tali miżuri ta' politika fiskali li jnaqqsu d-dħul kienu jinkludu rati mnaqqsa ta' taxxa fuq il-valur miżjud għat-tiġin u l-gass u dazju tas-sisa aktar baxx fuq l-elettriku u l-gass naturali u likwidu, filwaqt li tali miżuri ta' politika fiskali li jżidu n-nefqa kienu jinkludu sussidji lil konsumaturi mhux domestiċi u operatori ta' distribuzzjoni tas-sistema tal-elettriku għall-konsum tal-elettriku, lill-unitajiet domestiċi għall-konsum tal-gass naturali kif ukoll lil kumpaniji tat-tiġin distrettwali. Il-kost ta' dawk il-miżuri kien parzjalment ikkumpensat minn taxxi ġodda fuq profitti mhux mistennija tal-produtturi u l-fornituri tal-enerġija, jiġifieri imposta temporanja fuq l-imprezzi tal-Istat fis-settur tal-enerġija. Il-Kummissjoni tistma li l-kost baġitarju nett ta' dawk il-miżuri hija ta' 1.5 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat ukoll mill-kost baġitarju li joffri protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li hija stmata għal 0.1 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza marbuta mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 1.0 % tal-PDG fl-2022, minn 3.7 % fl-2021.
- (14) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 il-Bulgarija<sup>7</sup> ssegwi pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tippreserva l-investiment ifffinanzjat fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li l-Bulgarija żżomm taħt kontroll it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali.

---

<sup>7</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2021 tal-Bulgarija (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 6).

(15) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali<sup>8</sup> fl-2022 kienet favorevoli, fil-livell ta' -1.2 % tal-PDG kif irrakkomandat mill-Kunsill. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Bulgarija kompliet tappoġġa l-irkupru b'investimenti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Faċilità u fondi oħrajn tal-Unjoni. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 0.8 % tal-PDG fl-2022 (0.9 % tal-PDG fl-2021). L-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprovda kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.5 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali<sup>9</sup>. Għaldaqstant, il-Bulgarija ppreservat l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) ipprovda kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.8 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja inkludiet l-impatt addizzjonali tal-miżuri tal-politika fiskali li ttieħdu biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (kost baġitarju addizzjonali ta' 0.9 % tal-PDG) kif ukoll il-kost biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0.1 % tal-PDG). Għaldaqstant, il-Bulgarija żammet biżżejjed taħt kontroll it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali.

---

<sup>8</sup> Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni ta' miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

<sup>9</sup> Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li tipprovdi kontribuzzjoni newtrali ta' zero punti perċentwali tal-PDG.

- (16) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023 huwa aktar favorevoli mit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għall-2023 u minn hemm 'il quddiem. Il-Gvern jipprojetta li l-PDG reali jikber b'1.8 % fl-2023 u bi 3.3 % fl-2024. Meta mqabbel ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali aktar baxx ta' 1.5 % fl-2023 u 2.4 % fl-2024, prinċipalment minħabba suppożizzjoni aktar negattiva dwar l-evoluzzjoni tal-inventarji fit-tbassir tar-rebbiegħa tal-2023 tal-Kummissjoni u minkejja l-projezzjoni aktar favorevoli tagħha fuq l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet fl-2023. Għall-2024, it-tkabbir tal-PDG reali aktar baxx fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni huwa prinċipalment dovut għal differenzi negattivi kbar fil-kontribuzzjonijiet tal-konsum privat, l-investment, u l-esportazzjonijiet.
- (17) Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2023, il-Gvern jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż ser jiżdied għal 6.1 % tal-PDG fl-2023. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, iż-żieda fid-defiċit fl-2023 tirrifletti prinċipalment miżuri adottati biex jiżdiedu l-pensjonijiet u l-pagi, l-impatt tal-indiċjar tal-pensjonijiet għall-inflazzjoni u l-paga medja, nefqa ogħla fuq il-politika soċjali, tas-saħħa u tal-edukazzjoni u nfiq nazzjonali ogħla fuq l-investment pubbliku. Il-Programm ma jinkludi l-ebda bidla fil-politika jew miżuri ta' konsolidazzjoni oħra, billi l-baġit tal-2023 li jista' jinkludi tali miżuri ta' politika fiskali ma ġiex adottat saż-żmien tal-preżentazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied minn 22.9 % fi tmiem l-2022 għal 26.6 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 4.8 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa aktar baxx mid-defiċit proġettat fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023, prinċipalment minħabba investment pubbliku mistenni aktar baxx u dħul ogħla kemm mit-taxxi kif ukoll mill-Unjoni. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 25 % fi tmiem l-2023. Id-differenza hija dovuta għal defiċit proġettat aktar baxx u suppożizzjonijiet differenti dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità u pagamenti minnha.

- (18) Il-bilanċ ġenerali tal-gvern fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri fiskali li tteħdu biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2022, b'mod partikolari s-sussidji lill-konsumaturi mhux domestiċi. Il-kost ta' daww il-miżuri għadu parzjalment ikkumpensat mit-taxxi fuq il-profitti mhux mistennija tal-fornituri tal-enerġija, jiġifieri l-kontribuzzjoni solidali skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854<sup>10</sup>. Meta jitqies dak id-dħul, il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ huwa pprojetat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.8 % tal-PDG fl-2023<sup>11</sup>. Il-miżuri fl-2023 ma jidhrux li huma mmirati lejn l-aktar unitajiet domestiċi jew ditti vulnerabbli, u ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija. Fl-aħħar nett, il-bilanċ ġenerali tal-gvern fl-2023 huwa mistenni li jibbenefika mill-eliminazzjoni gradwali tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19, li ġew stmati għal 1.0 % tal-PDG.
- (19) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022<sup>12</sup>, il-Kunsill irrakkomanda li l-Bulgarija tiegħu azzjoni biex fl-2023 tiżgura li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni ta' politika ġenerali newtrali<sup>13</sup>, filwaqt li titqies it-tkomplija tal-appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Fl-istess ħin, jenħteġ li l-Bulgarija tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali f'sitwazzjoni li qiegħda tevolvi. Il-Bulgarija għet irrakkomandata wkoll biex tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li tqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

---

<sup>10</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija (ĠU L 261I, 7.10.2022, p. 1).

<sup>11</sup> Iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' daww il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

<sup>12</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2022 tal-Bulgarija (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 11).

<sup>13</sup> Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir tal-output potenzjali fuq terminu medju (medja ta' għaxar snin) tal-Bulgarija, li jintuża għall-kejl tal-pożizzjoni fiskali, huwa stmat li jkun 12.9 % f'termini nominali.

- (20) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetjata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun espansjonarja (-3.1 % tal-PDG), fil-kuntest ta' inflazzjoni għolja. Dan isegwi l-pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2022 (-1.2 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (nett minn miżuri diskrezzjonarji ta' dħul) fl-2023 huwa pprojettat li jipprovdi kontribut espansjonarju ta' 1.9 % tal-PDG għall-pożizzjoni fiskali. Il-kontribuzzjoni espansjonarja tan-nefqa kurrenti primarja netta ffinanzjata fuq livell nazzjonali mhix dovuta għal appoġġ immirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Fil-qosor, it-tkabbir ipprojettat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali mhux konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. Il-Bulgarija hija pprojetjata li tiffinanzja investment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. In-nefqa ffinanzjata mill-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetjata li tammonta għal 1.9 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja għall-pożizzjoni fiskali ta' 0.1 punti perċentwali<sup>14</sup>.
- (21) Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 4.7 % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 jirrifletti prinċipalment dħul ogħla mill-Unjoni u t-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jżied għal 30.7 % fi tmiem l-2024. Fuq il-bażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 4.8 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa fil-parti l-kbira konformi mad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 28.1 % fi tmiem l-2024.

---

<sup>14</sup> Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pprojetjata li tipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.1 punt perċentwali tal-PDG.

- (22) Il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali ta' ħafna mill-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija sal-2024. Il-Kummissjoni bħalissa tassumi kost nett tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija ta' 0.1 % tal-PDG fl-2024, meta mqabbel maż-0.8 % tal-PDG fl-2023. Dawk l-istimi huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija. Il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li bħalissa huma ppjanati li jibqgħu fis-seħħ fl-2024 ma jidhrux li huma mmirati lejn unitajiet domestiċi jew ditti vulnerabbli. Dawn ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija.
- (23) Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju, b'0.5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment<sup>15</sup>. Meta jitqiesu konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali, u l-hteġa li l-iżbilanċ jitnaqqas għal taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG tat-Trattat, skont il-Kummissjoni jkun xieraq titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0.5 % tal-PDG. Sabiex jiġi żgurat tali titjib, u f'konformità mal-metodoloġija tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali<sup>16</sup> fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx il-4.6 %, kif rifless f'din ir-Rakkomandazzjoni. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li fadal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 0.8 % tal-PDG fl-2023) jitneħħew gradwalment, jekk l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija jippermettu dan u billi jibdeu mill-inqas miżuri mmirati, u jenħtieġ li l-iffrankar relatat jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tkabbir fin-nefqa primarja netta taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata għall-2024. Barra minn hekk, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja netta ffinanzjata nazzjonalment fl-2023 mhuwiex konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. Jekk dan jiġi kkonfermat, ikun xieraq li jkun hemm inqas tkabbir fin-nefqa primarja netta fl-2024.

---

<sup>15</sup> L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

<sup>16</sup> In-nefqa primarja netta hija definita bħala nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax u n-nefqa ċiklika fuq il-qgħad.

- (24) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta fuq livell nazzjonali tikber għal 5.4 % fl-2024, li hija oġhla mir-rata ta' tkabbir rakkomandata. L-aġġustament ipprojettat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni huwa inqas mill-iffrankar mit-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li huwa prinċipalment dovut għall-impatt annwalizzat taż-żidiet fil-pensjonijiet u ż-żidiet ippjanati f'xi pagi tas-settur pubbliku li aktar milli jikkumpensaw għall-impatt pożittiv tat-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija.
- (25) Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, l-investment tal-gvern huwa mistenni li jiżdied minn 4 % tal-PDG fl-2023 għal 4.6 % tal-PDG fl-2024. L-investment oġhla jirrifletti investment oġhla ffinanzjat fil-livell nazzjonali u investment iffinanzjat mill-Unjoni, jiġifieri permezz tal-Faċilità.
- (26) Il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2026. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied għal 4.9 % tal-PDG fl-2025, u għal 5 % sal-2026. Għaldaqstant, id-defiċit general tal-gvern mhuwiex ippjanat li jerġa' lura għal inqas minn 3 % tal-PDG matul il-perjodu tal-Programm. Skont il-programm, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied minn 30.7 % fi tmiem l-2024 għal 37.1 % sa tmiem l-2026.

(27) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija tinsab għaddejja, għalkemm b'riskju akbar ta' dewmien. Il-Bulgarija ppreżentat talba għal pagament waħda, li tikkorrispondi għal 22 stadju importanti u mira fil-pjan u li tirriżulta fi żborż ġenerali ta' EUR 1.37 biljun. Livell għoli ta' instabbiltà governattiva wassal għal dewmien fir-riformi leġiżlattivi ewlenin, bħal dawk dwar l-akkwist pubbliku, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u r-responsabbiltà tal-prosekutur ġenerali. In-nuqqas ta' stabbiltà politika u kapaċità amministrattiva ssarraff ukoll fi tnaqqis fir-ritmu tal-ħidma ta' implimentazzjoni fuq diversi investimenti importanti fl-enerġija u t-trasport u d-dubji dwar aspetti ewlenin tal-pjan, jiġifieri dwar id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija. It-tieni talba għall-pagament ittardjat u issa hija ppjanata għal Settembru 2023. Madankollu, hemm riskju sinifikanti li fiż-żmien tal-preżentazzjoni ma jintlaħqux diversi stadji importanti u miri relatati ma' riformi ewlenin. Il-ħidma fuq l-addendum tal-pjan u l-kapitolu REPowerEU għadha għaddejja. L-iskeda ta' żmien għall-finalizzazzjoni ta' dik il-ħidma għadha mhix ċara minħabba s-sitwazzjoni politika. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġettivi strateġiċi tal-Bulgarija fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involviment sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn min dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.

- (28) Il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Bulgarija fl-2022 minbarra l-prijorità tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta, li huma kruċjali biex jittaffa l-impatt tat-tranżizzjoni tar-reġjuni tal-faħam. It-tkomplija tal-adozzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni kif ukoll l-implimentazzjoni rapida tagħhom b'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali, u jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat fil-Bulgarija.
- (29) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, il-Bulgarija qed tiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u l-produzzjoni tal-enerġija.
- (30) Il-Bulgarija għad għandha l-aktar ekonomija intensiva fil-karbonju fl-Unjoni, b'intensità tal-gassijiet serra aktar minn erba' darbiet oġhla mill-medja tal-Unjoni. Is-sehem tal-2021 ta' fjuwils fossili fit-taħlita tal-enerġija tal-Bulgarija kien ta' 63 %, bil-faħam jirrappreżenta 26 %, l-enerġija nukleari 22 % u l-enerġija rinnovabbli 15 % (inqas mill-medja tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni ta' 18 %). Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija jinkludi riforma tal-qafas strateġiku għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, b'mod partikolari tas-settur tal-enerġija. Dan jinkludi t-tnejn ta' xenarji u rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija u l-adozzjoni sussegwenti ta' pjan direzzjonali lejn in-newtralità klimatika mill-Assemblea Nazzjonali, b'data finali għat-tneħħija gradwali tal-faħam/linjite, sa mhux aktar tard mill-2038. Għalkemm il-Kummissjoni għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija ġiet stabbilita fl-2022, ir-rapport ta' rakkomandazzjoni tagħha ġie pospost. Barra minn hekk, l-Assemblea Nazzjonali adottat riżoluzzjoni f'Jannar 2023 li tobbliga lill-gvern jinnegożja mill-ġdid l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni tal-Bulgarija, inkluż investiment fil-ħżin tal-elettriku, skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.

(31) Il-Bulgarija wriet livell għoli ta' sigurtà tal-provvista tal-gass fid-dawl ta' ċirkustanzi diffiċli, b'mod partikolari l-qtugħ tal-provvisti tal-gass tagħha mir-Russja f'it wara l-invażjoni tal-Ukrajna. Il-Bulgarija setgħet tiżgura kuntratti ta' terminu qasir għall-konsenji tal-gass naturali likwifikat (LNG) mill-Greċja. L-interkonnettur tal-gass bejn il-Greċja u l-Bulgarija (IGB) beda jopera f'Ottubru 2022. Dan ippermetta li l-Bulgarija tirċievi l-volumi sħaħ ta' provvisti kkuntrattati mill-Ażerbajġan (1 bcm fis-sena, li jkopru madwar 30 % tal-konsum domestiku). Is-sehem tal-gass fit-taħlita tal-enerġija kien ta' 14 %, inqas mill-medja tal-Unjoni ta' 23 %. L-industrija għadha l-akbar konsumatur tal-gass, b'shem ta' 42 %, inkluż l-użi mhux għall-enerġija. Is-sistemi ta' tisħin distrettwali fl-ibliet il-kbar ta' Sofija u Plovdiv jiddependu fuq il-gass naturali, li jammonta għal madwar terz tal-konsum totali tal-gass naturali tal-Bulgarija. Il-konsum tal-gass naturali fil-Bulgarija naqas bi 22 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, li huwa aktar mill-mira ta' tnaqqis ta' 15 % stipulata fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369<sup>17</sup>. Il-Bulgarija hija mħeġġa tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706<sup>18</sup>.

---

<sup>17</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

<sup>18</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706 tat-30 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1369 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tat-tnaqqis fid-domanda għall-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda tal-gass, u t-tisħiħ tar-rapportar u tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 1).

- (32) Rigward l-enerġija rinnovabbli, il-Bulgarija għad trid tneħħi l-ostakli għall-installazzjoni ta' faċilitajiet tal-enerġija rinnovabbli u għall-konnessjoni tagħhom mal-grilja, li huwa parti minn impenn skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha. F'Jannar 2023, il-Kummissjoni ressqet lill-Bulgarija quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 260(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, talli naqset milli tittrasponi d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup> fil-liġi nazzjonali. Enfasi akbar fuq il-ħżin tal-enerġija tgħin biex jitħaffef l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala ta' grilja fil-Bulgarija. Barra minn hekk, it-titjib tal-ġestjoni tal-grilja biex issir aktar flessibbli jista' jiffaċilita l-integrazzjoni ta' installazzjonijiet addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Bulgarija tkompli tiżviluppa interkonnetturi tal-enerġija b'kapaċità suffiċjenti mal-pajjiżi ġirien. L-investment fl-infrastruttura tal-fjuwils fossili irid ikun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ u jkun imfassal biex jibqa' validu fil-futur, biex jiġi evitat intrappolament f'teknoloġiji li mhumiex konsistenti mal-oġġettivi klimatiċi jew li jżidu l-kost tat-tranżizzjoni tal-enerġija.
- (33) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija jinkludi aktar minn EUR 1 biljun ta' investimenti mmirati lejn it-titjib tal-effiċjenza enerġetika kemm fil-bini pubbliku kif ukoll f'dak privat, b'sejħiet li qed jitpoġġew fis-seħħ għat-twettiq ta' proġetti fil-post. L-istabbiliment tal-fond nazzjonali għad-dekarbonizzazzjoni, mistenni fl-2023, huwa kruċjali għall-kisba tal-istrateġija fit-tul tal-Bulgarija għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini, flimkien mal-attrazzjoni ta' aktar investimenti privati billi jiġi adattat l-approċċ għall-programmi ta' rinnovazzjoni. Jenħtieġ sforz addizzjonali biex il-faqar enerġetiku jiġi indirizzat strutturalment, b'mod partikolari permezz ta' skemi ddedikati u assistenza teknika u amministrattiva li jirriflettu l-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli. Biex il-Bulgarija tkun konformi mal-oġġettivi "Lesti għall-mira ta' 55 %", ser tkun meħtieġa ambizzjoni akbar biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jżiedu l-miri tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika.

---

<sup>19</sup> Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

- (34) Bejn l-2005 u l-2021 l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport domestiku minbarra l-avjazzjoni żdiedu b'19.5 % fil-Bulgarija, filwaqt li naqsu b'medja ta' 7.5 % fl-Unjoni. Madwar kwart tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-pajjiż huma pprovduti minn dan is-settur. L-użu ta' karozzi tal-passiġġieri b'emissjonijiet żero huwa baxx, l-istess bħalma hija d-densità tal-punti tal-iċċarġjar elettriku pubbliċi fil-Bulgarija. L-iżvilupp tas-sezzjoni Bulgara tan-*Network Trans-Ewropew tat-Trasport* qed jiffaċċa dewmien, speċjalment fir-rigward tal-infrastruttura ferrovjarja: dan ifixkel il-multimodalità u l-potenzjal li jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fit-trasport. It-tniġġis tal-arja jikkostitwixxi riskju sinifikanti għas-saħħa tal-popolazzjoni tal-Bulgarija.
- (35) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-regġuni l-aktar milqutin mit-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-2022, ġew irrapportati nuqqasijiet ta' ħaddiema fil-Bulgarija għal għadd ta' okkupazzjonijiet li kienu jeħtieġu ħiliet jew għarfien speċifiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika<sup>20</sup>. Il-Fond Soċjali Ewropew Plus alloka EUR 152 miljun għal miżuri li jipromwovu l-ħiliet u l-impjiegi ekoloġiċi għall-2021-2027. Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jipprovdi wkoll opportunità biex tiġi indirizzata d-dimensjoni soċjali tat-tranżizzjoni ekoloġika għat-tliet regġuni eliġibbli fil-pajjiż.
- (36) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2023 u l-opinjoni tiegħu<sup>21</sup> hija riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1), (2) u (3),

---

<sup>20</sup> Ir-Rapport tal-2022 dwar in-nuqqas ta' ħaddiema – Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

<sup>21</sup> Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fl-2023 u fl-2024 il-Bulgarija tieġu azzjoni biex:

1. Tnaqqas gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ, u tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, kemm jista' jkun malajr fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, tiżgura li dawn il-miżuri ta' appoġġ ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2024 għal mhux aktar minn 4.6 %<sup>22</sup>.

Tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv ta' għotjiet mill-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli ogħla, sabiex tikseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

2. Tiżgura struttura ta' governanza effettiva u ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva sabiex tippermetti implimentazzjoni rapida u kostanti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha. Tiffinalizza malajr il-kapitolu REPowerEU bil-ħsieb li tibda l-implimentazzjoni tiegħu b'mod rapidu. Tkompli l-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

---

<sup>22</sup> Li hija stmata li tikkorrispondi għal titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali ta' mill-inqas 0.5 % tal-PDG għall-2024, kif deskritt fil-premessa 23.

3. Tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u tħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija permezz ta' varar aktar mgħaġġel ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, filwaqt li tiżgura kapaċitajiet ta' ħżin biex tiżdied il-flessibilità tas-sistema tal-enerġija. Issaħħaħ l-infrastruttura tal-grilja u ttejjeb il-ġestjoni tagħha billi tissimplifika l-proċeduri ta' konnessjoni u tintroduċi elementi ta' grilji intelliġenti. Tkompli bl-isforzi biex tiżdied l-interkonnessjoni mal-pajjiżi ġirien. Taċċellera r-rinnovazzjoni tal-bini sabiex tinentiva l-effiċjenza enerġetika u tindirizza l-faqar enerġetiku. Tippromwovi soluzzjonijiet ġodda li jibqgħu validi fil-futur fit-tisħin distrettwali u t-trasport urban sostenibbli, u taċċellera l-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja. Iżżid l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---